**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 3 ta' Diċembru, 2019

Rikors Guramentat numru: 59/18 AL

**A B C**

**Vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**
**D E**
**u b'digriet tat-12 ta' April, 2018 l-istess D E ġiet konfermata bħala kuratrici *ad litem* sabiex tirrappreżenta l-interessi tal-minuri F E**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attur, li *in forza* tiegħu, wara li ppremetta :

1. Illi r-rikorrenti kellhu relazzjoni ma' D E, minn liema relazzjoni twieldet F E nhar it-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena

elfejn u sbatax (2017) (certifikat tat-twelid hawn mehmuz u market bhala Dok A);

2. Illi l-intimata, D E fl-att ta' twelid numru 4425/2017 ta' F E irregistrat lil minuri bhala 'missier mhux maghruf;

3. Illi r-rikorrenti ried jagħraf u jirrikonoxxi lill-minuri, F E bħala bintu minħabba l-fatt li huwa l-missier naturali tagħha u għalhekk permezz tal-ittra uffiċjali datata wieħed u tlettin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) ai termini tal-artikolu 86 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta innotifika lil D E nhar is-sitta (6) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) sabiex jinfurmaha fuq tali registrazzjoni. (kopja tal-ittra ufficjali hawn mehmuza u markata bhala Dok B)

4. Illi l-intimata D E naqset milli tipprezenta nota fl-atti tal-ittra ufficjali fi zmien xahrejn ai termini tal-artikolu 86 tal-Kap 16, sabiex turi li hija taqbel o meno li ssir ir-registrazzjoni u minhabba tali nuqqas, ir-rikorrenti ma setghax jaghmel ir-registrazzjoni fl-att tat-twelid tal-minuri;

5. Illi l-paternita' tal-minuri, F E tista tigi stabilita permezz ta' testijiet genetici;

6. Illi wara lir-relazzjoni ta' bejn partijiet sfaxxat, l-konvenuta D E bdiet tirrifjuta li taghti access jew thalli lir-rikorrenti jaghmel kuntatt ma' bintu, F E;

7. Illi l-attur ghandu interess li jigi korrett ic-certifikat tat-twelid ta' bintu minuri sabiex ikun jista' legalment jezercita d-drittijiet tieghu bhala missier;

8. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talab ghar-ragunijiet fuq esposti li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara li r-rikorrenti huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri F E;

2. Konsegwentament tordna il-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri F E (Att Nru 4425/2017) billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier il-minuri tikkancella l-kliem ‘missier mhux maghruf’ u tissostitwih bl-isem ‘A B C’ u tordna ukoll illi l-partikolarijiet relattivi ghal professjoni, sengha jew stat iehor, ghall-eta’ ghall-post tat-twelid u residenza u ghal isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier il-minuri jigu korretti kontestwalment billi jigu sostitwiti b’dawk il-partikolarijiet li sejrin jirrizultaw waqt is-smigh tal-kawza;

3. Tordna li l-kunjom tal-minuri ikun l-istess kunjom tal-missier naturali u cioe’ ‘C’;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huma ngunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa: (fol. 34)

Illi preliminarjament u fil-mertu, l-esponenti tistqarr li hi mhijiex edotta mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

Illi stante s-suespost, l-esponenti tirrimetti ruħha għar-riżultanzi istruttorji u umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha konċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta, sabiex jiġi vverifikat jekk l-attur huwiex verament il-missier naturali tal-minuri F E;

Illi bla ħsara għas-suespost f’każ li jintlaqaw it-talbiet dedotti tar-rikorrent minn din l-Onorabbli Qorti, l-esponenti tistieden lir-rikorrent sabiex permezz ta’ nota jipprezenta d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament is-segwenti: (1) In-numru tal-karta tal-Identita’, (2) ismu u kunjomu, (3) l-età tiegħu meta twieldet F E, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta’ residenza tiegħu

meta twieldet F E, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet F E. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-minuri F E;

Illi bla preġudizzju għas-suespost il-partijiet kontendenti għandhom ukoll jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri F E u dan a tenur tal-Artikolu 92(6) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponenti u kwindi hija m'għandhiex tiġi assoġġettata għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat in-nota tal-konvenuta D E (fol. 11) li permezz taghha qieghda tammetti t-talbiet tar-rikorrent stante li huwa minnu li r-rikorrent huwa l-missier naturali tal-minuri F E, b'dan illi l-kunjom tal-minuri ghandu jkun C E.

Semgħet lix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti, il-provi li ġew prodotti u l-atti ta' dan il-proċediment;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għallum;

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-attur qed jitlob li jiġi magħruf bħala l-missier naturali tal-minuri F mwielda minn relazzjoni li kellu mal-konvenuta D E fit-13 ta' Lulju 2017[1]. Sal-lum, din hija dikjarata bħala bint missier mhux magħruf u ġġorr il-kunjom tal-omm ossija E.

Il-konvenuta, min-naħa tagħha, ammettiet it-talbiet tar-rikorrent stante li huwa minnu li r-rikorrent huwa l-missier naturali tal-minuri F, u komplet tgħid, li għalhekk il-kunjom tal-minuri għandu jkun C E.[2]

## Provi:

Ir-rikorrent xehed permezz ta' affidavit fejn qal, li hu u D E kienu bdew joħorġu flimkien fl-2015, ir-relazzjoni tagħhom damet tlett snin u nofs u matul din ir-relazzjoni twieldet F fit-13 ta' Lulju 2017. Spjega li matul it-tqala, D kienet temmet ir-relazzjoni tagħhom, iżda hu xorta baqa' jżomm kuntatt magħha minħabba t-tifla. Dakinhar li twieldet it-tarbija, ġie nfurmat mill-familjari ta' D, iżda wara t-twelid tat-tarbija D bdiet iċċaħdu milli jara lit-tarbija. Għalkemm għamel diversi tentattivi biex jintlaħaq ftehim għal kura, kustodja, manteniment u aċċess, iżda ma sabx kooperazzjoni għal ftehim.

Ir-rikorrent ippreżenta nota esebita a fol 41 tal-proċess, bid-dettalji kollha kif rikjesti fit-tielet eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, kwindi, t-tielet eċċezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi l-aqwa prova f'kawżi bħal din huma t-testijiet xjentifiċi u ġenetiċi, li fil-każ odjern ikkonfermaw li l-attur huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri F. Fil-fatt, l-esperta Dr. Marisa Cassar ikkonfermat illi "mit-testijiet li għamilt jirriżulta li A B C hu l-missier naturali ta' F E D.O.B. 13.07.2017. Dan ir-riżultat jinsab dikjarat fir-rapport PT1901261 li jien iffirmajt." It-test xjentifiku,

---

[1] Iċ-ċertifikat tat-twelid relattiv Dok A, a fol 6 tal-proċess.

[2] Nota tal-konvenuta D E a fol 11 tal-proċess.

hekk kif ikkonfermat bil-ġurament, jelimina kull dubju dwar l-istess paternita`. Għaldaqstant, il-provi miġjuba quddiem il-Qorti juru bl-aktar mod ċar u inekwivoku li F hija l-wild naturali tar-rikorrent. Għalhekk, din il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrent. In vista tas-suespost, it-tieni eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku hija wkoll sorvolata.

<u>DWAR IL-KUNJOM TAL-MINURI</u>

Illi l-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku eċċepixxa tramite r-raba' eċċezzjoni, illi l-partijiet għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandha tassumi l-minuri F. U dan a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16.

Il-minuri F illum għandha sentejn. Rat li l-konvenuta, fin-nota tagħha a fol 11 tal-proċess, iddikjarat illi m'għandha l-ebda oġġezzjoni illi kunjom il-minuri jkun C E, anzi ssostni li hekk għandu jkun il-kunjom ta' F. Għalhekk, hemm qbil bejn il-partijiet li l-minuri tkun magħrufa bil-kunjom "C E." Fil-fatt, fil-verbal datat 28 ta' Mejju 2019, ġie verbalizzat li r-rikorrent jaqbel man-nota ippreżentata mill-omm D E a fol 11 rigwardanti l-kunjom tal-minuri.

Għaldaqstant, ir-raba' eċċezzjoni tad-Direttur intimat ġiet sorvolata. Konsegwentement, il-Qorti mhijiex ser tilqa' t-tielet talba tar-rikorrent, peress li l-kunjom tal-minuri F m'għandux ikun C iżda "C E." Il-Qorti tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel annotazzjoni f'dan ir-rigward fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri innumerat erba' telef erba' mija u ħamsa u għoxrin tas-sena elfejn u sbatax (4425/2017).

<u>Dwar il-Kap tal-Ispejjeż</u>

Jirriżulta li l-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi u ċjoe` dik datata 31 ta' Ottubru 2017 esebita a fol 8 tal-proċess, ġiet debitament notifikata lill-konvenuta fis-6 ta' Dicembru 2017. Illi għar-raġunijiet tagħha, il-konvenuta għażlet illi ma tweġibx għal din l-ittra fit-termini stabbiliti mill-Artikolu 86 tal-Kap 16, b'hekk ir-rikorrent kellu jirrikorri għal dawn il-proċeduri ġudizzjarji sabiex

jista’ jirrikonoxxi lill-minuri F bħala bintu. In vista li l-proċeduri odjerni setgħu jiġu evitati, billi b’sempliċi risposta għall-ittra uffiċjali mibgħuta mir-rikorrent, kien jinħoloq eżitu effettiv daqs l-import ta’ din is-sentenza, għalhekk fil-fehma ta’ din il-Qorti, għandha tkun il-konvenuta D E illi tagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta’ din il-kawża.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa’ l-ewwel talba tar-rikorrent u tiddikjara li r-rikorrent huwa l-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri F E.

2. Tilqa’ t-tieni talba tar-rikorrent u konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-minuri F, Att numru erba’ telef erba’ mija u hamsa u ghoxrin tas-sena elfejn u sbatax (4425/2017), huwa jikkanċella l-kliem “missier mhux magħruf” u minflok jitniżżel l-isem ta’ A B C. Tordna wkoll li jitniżżlu l-isem, il-kunjom u l-konnotati kollha tar-rikorrent A B C detentur tal-karta tal-identita` numru XX meta twieldet il-minuri kellu wiehed u ghoxrin(21) sena, imwieled il-Pieta` u residenti Haz-Zebbuġ iben G C, li kien ħaj meta twieldet il-minuri u għadu ħaj sal-preżent u l-Qorti tordna n-notifika ta’ din is-sentenza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku.

3. Tiċħad it-tielet talba u tordna illi l-minuri tkun magħrufa bil-kunjom “C E.” Għaldaqstant, tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku iniżżel annotazzjoni ta’ din id-deċiżjoni fuq l-att tat-twelid tal-minuri.

L-ispejjez jitħallsu mill-konvenuta D E.